**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., MAG. JUR. (EU LAW)**

**DISTRETT QORMI**

**Każ Nru. 4778/2022**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Tara-Lyn Cachia**
**Curtis Camilleri**

**Illum, 30 ta' Settembru, 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Tara-Lyn Cachia ta' 30 sena, detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 375090M u Curtis Camilleri ta' 30 sena, detentur tal-karta tal-identità ta' Malta bin-numru 568391M, li permezz tagħhom ġew akkużati talli:

*Talli nhar it-23 ta' Mejju 2022, Triq il-Ħammieri, Qormi*

*"1) Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.*

*2) Volontarjament ħassart, għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal bejn €250 u €2,500 għad-dannu ta' Fenech Herbert.*

*3) Ħebbejt għal Herbert Fenech u kkaġunajtlu offiża ta' natura ħafifa skont kif iċċertifikat minn Dr. ta' Qormi Health Centre.*

> *Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija toħroġ ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża jew individwi oħra skont l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali."*

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet ix-xhieda prodotta;

Semgħet trattazzjoni;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, din tirriżulta li hija preskritta. Dana peress li kienet intalbet korrezzjoni fl-imputazzjonijiet u l-imputati kienu taw ruħhom b'notifikati bl-imputazzjonijiet hekk kif korretti, fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2022. Stante li l-imputazzjoni tirrisali għall-inċident li allegatament seħħ fit-23 ta' Mejju, 2022, it-terminu preskrittiv applikabbli laħaq ġja ddekorra.

Dwar it-tieni imputazzjoni u ċioè dik tal-ħsara volontarja, Herbert Fenech xehed viva voce quddiem din il-Qorti, li kien l-imputat li qata' l-*wire* tal-*fridge*. Mill-banda l-oħra, fl-affidavit ta' PS 610, irriżulta li Herbert Fenech kien stqarr *a tempo vergine*, li l-imputata kienet qatgħet il-*wire* tal-*upright fridge* li hemm fuq barra. Fl-istess affidavit, ġie mniżżel li Elise Grech kienet sostniet *a tempo vergine,* li kienet proprju l-imputata li messet l-*upright fridge* li kien hemm fuq barra, fejn permezz ta' tnalja u mqass, qatgħet il-*wire* tal-*fridge*. Sussegwentement, in kontroeżami li sar f'seduta separata minn meta kien xehed in eżami, Herbert Fenech sostna li kienet l-imputata li qatgħet dan il-*wire* tal-*upright fridge*.

Mix-xhieda ta' Herbert Fenech irriżulta, li din l-*upright fridge* ma kinitx proprjetà ta' Herbert Fenech, iżda kienet ta' terzi. In fatti, minn Dok ABC 4 irriżulta li Alf

Mizzi & Sons Marketing Group kienu rrilaxxaw dan id-dokument, fejn ġie nnotat li '*supply wire cut in two parts*'. Madanakollu, l-imputazzjoni hekk kif maħruġa kontra l-imputati hija fis-sens, li ġiet ikkaġunata ħsara volontarja għad-dannu ta' Herbert Fenech. Ġjaladarba Herbert Fenech lanqas ma huwa l-proprjetarju ta' tali *upright fridge* u ġjaladarba la tressaq biex jixhed is-sid ta' din l-*upright fridge*, u wisq anqas intalbet xi korrezzjoni f'dan is-sens fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, din il-Qorti mhux qed issib li din it-tieni imputazzjoni, għal dak li jirrigwarda l-ħsarat fl-*upright fridge,* ġew ippruvati.

Dwar il-bank minn fejn iservi l-ikel (u ċioè l-*hot counter*), fl-affidavit ta' PS 610, kemm Elise Grech u Herbert Fenech qabblu, li kienet l-imputata li bil-*power wash* kienet wadbet l-ilma fuq il-bank tal-ħanut, bil-konsegwenza li dan ixxortja. Waqt id-depożizzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti, Herbert Fenech ikkonferma li kienet l-imputata li tefgħet l-ilma fuq il-bank tal-ħanut, u li skont huwa, dan il-bank kien ixxortja. Viva voce ta verżjoni oħra, fejn sostna li dan il-bank ġie miġbud u l-*wire* tiegħu nqata' wkoll, bil-konsegwenza li xxortja. Insista in kontroeżami, li kien l-imputat li qata' l-*wire* tal-*counter*, billi ġibed l-istess *counter* 'il barra.

Din il-Qorti rat il-filmat eżebit. Minnu jirriżulta li għal kuntrarju ta' dak li xehed Herbert Fenech, kienet Elise Grech li qalgħet il-plakka tal-*counter* in kwistjoni minn postha. Dan jidher b'mod ċar fil-filmat. Mill-istess filmat jidher ċar, li kien hemm varji istanzi fejn dan il-*hot counter* beda jiġi mbuttat, anke mill-istess Elise Grech u minn Herbert Fenech innifsu. Addirittura f'mument minnhom, Elise Grech tidher li anke telgħet bil-wieqfa fuq dan il-*counter*. In vista ta' dan, il-Qorti ma għandhiex dik iċ-ċertezza dwar jekk kienx verament azzjoni tal-imputat, li kkaġunat tali ħsara f'dan il-*hot counter,* jew kinitx l-azzjoni ta' Herbert Fenech jew ta' Elise Grech, jew addirittura tal-irġiel l-oħra li kienu nvoluti waqt dan l-inċident, liema rġiel jidhru wkoll imissu dan il-*hot counter*.

Dwar imbagħad l-allegazzjoni li dan il-*hot counter* ixxortja minħabba l-ilma li tefgħet l-imputata, din il-Qorti tqis, li jidher li nxteħet ilma, waqt li l-ġlieda laħqet il-*climax* tagħha. Madanakollu mix-xhieda mogħtija mill-ħaddiem li ġie nkarigat biex isewwi dan il-*hot counter*, minn imkien ma rriżulta li l-ħsarat riskontrati kienu

minħabba tixrib ta' ilma. In fatti, fis-smigħ ta' din il-kawża tressaq bħala xhud Vincent Mifsud, li spjega li huwa kien għamel xi xogħol ġol-*counter* u dana peress li kellhom jinbidlu l-plakek kollha, għaliex kienu mikxufa u mkissra. Spjega li l-plakek kienu maqsumin u l-*wire* kien miġbud 'il barra minn ġo fihom. Spjega li tali ħsara setgħet ġiet ikkaġunata, billi l-bank jkun iċaqlaq bis-saħħa minn ġewwa jew minn barra, peress li jinġibed kollox u jitqaċċat kollox. Għaldaqstant, din il-Qorti lanqas ma hija ser issib ħtija fl-imputati, fir-rigward tal-allegata ħsara li seħħet fil-*hot counter*.

Finalment dwar il-ħsara li allegatament saret fil-ħġieġa tal-counter, Herbert Fenech spjega li kien hemm ħġieġ imxellef minħabba d-daqqiet x'ħin dan ġie miġbud (liema ħġieġ baqa' ma sewwihx). Madanakollu, din il-Qorti hija samja minn provi dwar l-entità ta' din il-ħsara. In fatti, lanqas ġew ippreżentati ritratti jew provi oħra dwar l-estent ta' din il-ħsara. Minkejja li ġie ppreżentat Dok ABC3, li huwa dokument allegatament ippreparat minn ċertu Alfred Curmi, fuq l-istess dokument la hemm data, la hemm dettalji dwar x'inhi din il-ħġieġa u fejn għandha tiġi mwaħħla. Għalhekk, din il-Qorti ma għandhiex provi suffiċjenti, dwar din l-allegata ħsara fil-ħġieġa tal-*hot counter*.

Dwar it-tielet imputazzjoni, il-Qorti qieset li mill-kontenut tal-affidavit ta' PS 610, irriżulta li Herbert Fenech kien sostna *a tempo vergine*, li numru ta' rġiel kienu ħebbew għalih, u li kien wera lill-Pulizija xi ġrieħi li kellu fuq għonqu. Mill-istess affidavit jirriżulta, li skont Elise Grech, kienet Tara-Lyn Cachia li qabdet lil Herbert Fenech minn għonqu u għamlitlu xi ġrieħi. Waqt dawn il-proċeduri, iżda, Elise Grech għażlet li ma tixhidx, hekk kif jirriżulta mill-verbal tas-17 ta' April, 2023. F'dawn il-proċeduri, Herbert Fenech sostna li "daruni" u li kienu xi tliet persuni fuqu, mentri xi ħadd ħatfu minn għonqu. In kontroeżami, Herbert Fenech sostna li kienu l-imputat u missieru li ħebbew għalih, b'tali mod u manjiera li missier l-imputat qabdu minn għonqu.

Il-Qorti qieset li ġie ppreżentat ċertifikat mediku (DOK GS1) u affidavit tat-tabib li rrilaxxa l-istess ċertifikat mediku(DOK GS2), iżda dawn jirrigwardaw lil Elise Grech u ġrieħi li allegatament soffriet. Stante li ma hemmx imputazzjonijiet dwar

ġrieħi li allegatament ġew sofferti minn Elise Grech, din il-Qorti sejra tiskarta tali dokumenti. Ġie iżda ppreżentat Dok ABC5, li huwa ċ-ċertifikat mediku rilaxxat a favur ta' Herbert Fenech. In oltre, id-difiża kienet eżentat lill-Prosekuzzjoni u lill-parte ċivile milli jressqu l-uffiċjal mediku li rrilaxxa ċ-ċertifikat mediku eżebit bħala DOK ABC5.

Nonostante, li ġie ppreżentat iċ-ċertifikat mediku dwar il-grieħi sofferti minn Herbert Fenech, din il-Qorti ma għandhiex quddiemha provi biżżejjed li jwasslulha għal dak il-konvinċiment, li kienu l-imputati li kkaġunaw tali feriti. Tara-Lyn Cachia ma tidher imkien fil-filmati eżebiti. Għalkemm l-imputat jidher f'xi mumenti jissara ma' Herbert Fenech, kien hemm minn tal-anqas tlett irġiel oħra involuti f'dan l-inċident. Kien hemm raġel partikolari, li kien kontinwament qed iżomm lil Herbert Fenech minn għonqu. In oltre, il-ġrieħi li allegatament sofra Herbert Fenech, kienu fuq l-għonq. Għalhekk din il-Qorti ma għandhiex quddiemha biżżejjed provi, li kien proprju l-imputat Curtis Camilleri li kkaġuna tali feriti fuq il-persuna ta' Herbert Fenech.

**Deċide**

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qed tiddeċiedi din il-kawża, billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni, stante li hija preskritta, mentri fir-rigward tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni, qed tillibera lill-imputati minn kull kundanna u ħtija.**

____________________________

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

__________________________________

**Janet Calleja – Deputat Reġistratur**